



---

*Kumitat għas-Sajd*

---

**2019/0272(COD)**

4.7.2023

**\*\*\*||**

# **ABBOZZ TA' RAKKOMANDAZZJONI GĦAT- TIENI QARI**

dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari għall-adozzjoni tar-regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi pjan ta' ġestjoni pluriennali ġħat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1936/2001, (UE) 2017/2107 u (UE) 2019/833 u li jħassar ir-Regolament (UE) 2016/1627 (08143/1/2023 – C9-0222/2023 – 2019/0272(COD))

Kumitat għas-Sajd

Rapporteur: Clara Aguilera

### ***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni
- \*\*\* Proċedura ta' approvazzjoni
- \*\*\*I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- \*\*\*II Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- \*\*\*III Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

### ***Emendi għal abbozz ta' att***

#### **Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

#### **Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu █ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċeżżjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mħuwiex indikat.

## **WERREJ**

### **Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	5
ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA .....	7



## **ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW**

**dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari għall-adozzjoni tar-regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi pjan ta' ġestjoni pluriennali għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1936/2001, (UE) 2017/2107 u (UE) 2019/833 u li jħassar ir-Regolament (UE) 2016/1627 (08143/1/2023 – C9-0222/2023 – 2019/0272(COD))**

### **(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tieni qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (08143/1/2023 – C9-0222/2023),
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-7 ta' Mejju 2020<sup>1</sup>,
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari<sup>2</sup> dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2019)0619),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbi fis-sens tal-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 67 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rakkmandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għas-Sajd (A9-0000/2023),
  1. Japrova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari;
  2. Jinnota li l-att qed jiġi adottat f'konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tiffirma l-att, flimkien mal-President tal-Kunsill, skont l-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
  4. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu biex jiffirma l-att, wara li jkun ġie vverifikat li l-proċeduri kollha ntemmu kif imiss, u biex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tal-att f'*Il-Ġurnal Uffīċjali tal-Unjoni Ewropea*;
  5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-

<sup>1</sup> ĠU C 232, 14.7.2020, p. 36.

<sup>2</sup> ĠU C 506, 15.12.2021, p. 160.

Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

## **ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA**

Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tirrifletti l-ftehim milħuq bejn il-Parlament u l-Kunsill fin-negożjati interistituzzjonali fl-istadju bikri tat-tieni qari.

Il-Ftehim proviżorju li jirriżulta minn dawn in-negożjati interistituzzjonali ġie kkonfermat mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Coreper) fil-5 ta' April 2023 u ġie approvat mill-Kumitat għas-Sajd tal-Parlament fis-26 ta' April 2023.